**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 07/09 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 30/09/2009 fis-06.20pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Skużat |
| | | Darmanin Richard | Preżenti mis-7.00pm |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti mis-7.00pm |
| | | Seychell Anthony | Preżenti mis-6.30pm |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**07. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Proponent: Wille Piscopo<br>Sekondant: Fenech | **Il-Minuti 06/09 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 06.9.5 | minflok il-kelma tarmac tidħol il-kelma 'biż-żebgħa'. | | |
| | | Fil-laqgħa preċedenti Seychell ġibed l-attenzjoni dwar żewġ sinjali tat-traffiku imdawwrin fi Triq Xrobb l-Għaġin li jinsabu fuq arblu. Peress li dawn iż-żewġ sinjali qed juri indikazzjoni ħażina Seychell talab sabiex issir it-tiswija fl-aqsar żmien possibbli. Is-Sindku talab sabiex ix-xogħol isir mill-ħaddiema manwali ta' l-IPSL. | | |
| 07. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**07. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 1 | 06.2.3 | Sindku: Mużew taż-Żejt | Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni qed toġġezzjona dwar il-Mużew taż-Żejt fil-Kumpkess ta' Liceo Carlo Diacono. | Sindku |
| 07. 2. 2 | 06.2.4 | Sindku: Tindif ta' Spralli | Is-Sindku informa lill-Kunsill li beda xogħol ta' tindif fuq l-ispralli fi Triq San Girgor minn Barbetta 'l isfel. | Hales |
| 07. 2. 3 | 06.2.5 | Sindku: Bozza ġdida fi Triq Qalb ta' Ġesu' | Is-Sindku talab sabiex tinkiteb ittra lill-Enemalta dwar il-każ ta' twaħħil ta' bozza ġdida fi Triq il-Qalb ta' Gesu' ma' residenza privata. | Segretarjat |
| 07. 2. 4 | 06.2.6 | Sindku: Roqgħa ilma fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Is-Sindku qal li ser isir xogħol fil-ġranet li ġejjin sabiex titneħħa l-problema ta' l-ilma li joħroġ minn Hal Tmiem u jinġabar fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. | Sindku |
| 07. 2. 5 | 06.3.2 | Sindku: Ħlas għal ġbir ta' skart | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-1 ta' Ottubru 2009 il-Kunsill ser jibda jħallas għall-ammont ta' skart li ser jidħol l-barriera. | Sindku |
| 07. 2. 6 | 06.3.3 | Sindku: Laqgħa tal-Reġjun tax-Xlokk | Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda żviluppi jew aġġornamenti fil-laqgħa li saret għall-kunsilliera tar-reġjun xlokk. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar preżentazzjoni li ttellgħet fuq iż-żgħażagħ iżda ż-Żejtun ma ġiex avviċinat u lanqas imsemmi minkejja li l-Kunsill kien pijunier fil-qasam taż-żgħażagħ u l-Youth Empowernment Scheme. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2. | 7 | 06.3.5 | Segretarju Eżekuttiv: Ftuħ nhar ta' Sibt | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Joanne Muscat u Mark Spiteri qablu li jidħlu s-Sibt fuq bażi ta' overtime min-nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2009. Is-Segretarju Eżekuttiv rrimarka li xi drabi ser ikun hemm impjegat waħdu u u drabi oħra ser ikunu żewġ impjegati. Huwa talab l-appoġġ tal-Kunsilliera sabiex nhar ta' Sibtijiet isir xogħol ta' customer care biss. Kien hemm qbil dwar dan. Hales ippropona biex jekk possibli l-ħlasijiet ma jsirux cash iżda jitħallsu permezz ta' telefon ċellulari. | |
| 07. | 2. | 8 | 06.9.3 | Pace: Għaqda Suret il-Bniedem | Pace qed jagħmel ko-ordinament ma' l-għaqda suret il-bniedem sabiex isir xogħol ta' tindif fi Triq San Klement u Triq Bormla hekk kif issuġeriet minn Hales. Pace informa lill-Kunsill li l-persuni involuti li qed jagħmlu x-xogħol ma jridux jibqgħu fuq bażi volontarja iżda jridu jagħmlu x-xogħol bi ħlas. Il-Kunsill jista' jagħmel dan bil-kuntrattur tiegħu. | Pace |
| 07. | 2. | 9 | 06.9.4 | Sindku: No parking fi Triq Ħal Tarxien | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jinfetaħ file l-ADT dwar il-każ. | Darmanin |
| 07. | 2. | 10 | 06.9.7 | Sindku: Wirja Filatelika | Is-Sindku skuża ruħu peress li minħabba safar tal-Gal Xlokk ma jistax ikun preżenti għall-ftuħ tal-wirja filatelika li ser issir fit-23 ta' Ottubru 2009. | Seychell |
| 07. | 2. | 11 | 06.9.11 | Sindku: Stedina | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie mistieden għall-programm Xarabank li ser isir nhar il-Gimgħa 2 ta' Ottubru dwar Triq President Anton Buttiġieġ u l-aħħar inċident fatali li ħalla vittmi tlieta min-nies. Fih ser jissemmew il-11 il-mistoqsija parlamentari li saru dwar it-triq inkwistjoni. Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku sabiex tkun fl-udjenza fil-programm peress li hu ma jistax jattendi minħabba raġuni ta' safar. | Viċi-Sindku |

**07. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/09. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 3. | 1 | 01 | MEPA:- 03924/09 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan is-sit jinsab fil-*village core* u għalhekk għandu jinżamm it-*texture* u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 07. | 3. | 2 | 04 | Uffiċċju Elettorali: Elezzjoni AKL | Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru bejn it-8am u l-11am ser issir l-elezzjoni sabiex ikun elett l-Eżekuttiv tal-AKL. | |
| 07. | 3. | 3 | 05 | DLG: Premju Lokalitajiet Indaf | Is-Sindku talab lill-Viċi-Sindku sabiex issegwi l-inizjattiva ħalli l-Kunsill jirnexxielu jikseb wieħed mill-premjijiet għal-lokalitajiet indaf. Il-Viċi-Sindku irrapurtat li ser isir survey kif ukoll kompetizzjoni għat-tfal. | Viċi-Sindku |
| 07. | 3. | 4 | 08 | OPM: Green Challenge & Local Enterprise Awards | Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsill Lokali Żejtun huwa wieħed mill-għaxar finalisti fil-Green Challenge Award. | |
| 07. | 3. | 5 | 09 | OPM: Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali | Il-Kunsill ġie infurmat li ma ntagħzilx bħala lokalita' bi bżonnijiet speċjali. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 3. 6 | 10 | Dr LH Coates: Sqaq Sant'Isidoru | Il-Kunsill innota l-ittra tas-Sur Coates dwar ir-rimi ta' skart go art privata. Fid-dawl ta' dan **il-Kunsill qabel li jikteb lill-iżviluppatur ta' l-art inkwistjoni sabiex jagħti data meta ser jibda x-xogħol u jekk m'għandux ħsieb li jibda l-iżvilupp b'mod immedjat, dan irid inaddaf is-sit**. | Segretarjat |
| 07. 3. 7 | 11 | Fr Eric Overend: Stedina mid-Domus | Il-Kunsill innota li ma setax ikun preżenti għall-ftuħ mill-ġdid tad-Domus peress li nżerta fid-data u l-ħin tal-laqgħa tal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku ntalbet tiġi skużata mil-laqgħa tal-Kunsill sabiex tagħmel present f'isem il-Kunsill għall-ħabta tat-8pm. | Viċi-Sindku |
| 07. 3. 8 | | B. Tonna: Użu tas-Sala Ġnien San Girgor | Tonna talab lill-Kunsill sabiex jagħmel użu tas-sala li l-Kunsill għandu fi Ġnien San Girgor kull nhar ta' Tlieta bejn is-6pm u d-9pm għal gymnastics. Fenech qalet li bħalissa għaddej il-kors tad-drama tal-proġett Arti Żagħżugħa li ser jintemm fi ftit ġimgħat oħra. **Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' Tonna u jekk ikun hemm ftehim dan għandu jħallas Eur10 għal kull sessjoni.**<br>Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-bieb tas-sala huwa sgassat u li s-shutter għandu bżonn jinbidel peress li l-manutenzjoni li qed isir fuqu qed tqum ħafna flus u jkun iktar vijabbli li dan is-shutter isir ġdid. Is-Sindku qal li hemm bżonn ta' aktar kontroll f'dan iċ-Ċentru.<br>Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isiru l-purtieri f'din is-sala filwaqt li Fenech talbet sabiex isir it-tibjid tas-sala iżda s-Sindku nsista li għandu jsir kontroll strett fuq kull min juża s-sala u l-uffiċċju għax qisu m'hemm ħadd inkarigat minn dan il-post.<br>**Il-Kunsill qabel li l-imwejjed li hemm fis-sala jintużaw għall-wirja filatelika li ser issir fis-Sala Mikiel Cachia min-nhar it-23 ta' Ottubru 2009.**<br>Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret proposta għal tieġ fi Ġnien San Girgor. Hales ġibed l-attenzjoni dwar il-mużika li għandha tkun sa ħin stabbilit minħabba l-ġirien. Hales qal ukoll li jkunu jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tat-tindif. | |
| **07. 4.** | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 07. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 07/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 07. 4. 2 i | 8 | Is-Sindku talab sabiex tinkiteb ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-kuntratt ta' ġbir ta' skart goff peress li qabel konna nonfqu Eur2,329.37 fis-sena issa l-Kunsill qed jonfoq Eur722.11 fix-xahar. | | Segretarjat |
| 07. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 07/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 4. 4 | | Petty Cash - Settembru 2009 | **Il-Kunsill approva nem.con. Il-petty cash li ntefaq f'Settembru 2009 kien jammonta ghal €164.84** | Segretarjat |

**07. 5. Rapport fuq l-attivita' Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 5. 1 | | | Is-Sindku spejga li l-attivita' Żejt iż-Żejtun din is-sena kienet aktar żviluppata u n-nies attendiet bi ħġarha. Kien hemm 4 lokaltajiet b'attivita' għaddejja b'mod simultanju. Kienet l-ewwel darba li fiha kien hemm wirja ta' ċeramika artistika. Kien hemm stazzjon tat-televizjoni barrani kif ukoll attendew il-membri parlamentari Mario Galea, Charles Abela, Marie Louise Coleiro, Karm Mifsud Bonnici. Is-Sindku irringrazzja lill-Viċi-Sindku li ħadet interess speċjali u daħlet għal aktar xogħol, lil Darmanin, Hales kif ukoll lill-pulizija li kollha għamlu din l-attivita' possibli u ta' livell għoli fuq fomm kulħadd. | |
| 07. 5. 2 | | | Il-Viċi-Sindku irringrazzjat lill-istaff u rrimarkat li xtaqet tara aktar kontribut mill-Kunsilliera u miż-żgħażagħ.<br>Darmanin irrimarka li l-attivita' tant intogħġbot li saħansitra n-nies baqgħu ġejjin sal-Ħadd fil-għaxija. Darmanin qal li saru bollards bil-katnazz li ħadmu tajjeb ħafna. Darmanin talab sabiex jiżdiedu 6 oħra. **Il-Kunsill qabel nem.con.**<br>Hales qal li l-mertu kollu għall-attivita' Żejt iż-Żejtun huwa tas-Sindku u tal-Viċi-Sindku. | |
| | | | **Il-Kunsill iddeċieda li s-sena d-dieħla l-attivita' Żejt iż-Żejtun ser issir bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2010 u ninfurmaw lil kulħadd.** | Segretarjat |

**07. 6. Xogħol fi Ġnien Brejġu**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 6. 1 | | | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fi Ġnien Brejġu. | Sindku |

**07. 7. Triq Vittmi tal-Gwerra/Triq Dun Gwann Tabone/Triq Anġlu Grima**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 7. 1 | 06.7.1 | Sindku: KSI | Is-Sindku informa lill-Kunsill il-Koporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma qed titlob rati ġodda li huma għola. | Segretarjat |

**07. 8. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 07. 8. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | |

**07. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 9. | 1 | Hales: Triq Ġużi Abela | Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar stretch ta' ħamrija fi Triq Ġużi Abela b'siġar li qed iħammġu u li qed ikunu ta' inkonvenjent. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitneħħew bil-permess tal-MEPA u minflok jinżergħu 50 siġra taż-żebbuġ. Wille Piscopo talbet sabiex jinżergħu iktar fjuri fi Ġnien tal-Kmandant u r-roundabouts. | Hales |
| 07. | 9. | 2 | Hales: Tarmak fi Triq San Girgor | Hales ġibed l-attenzjoni dwar tarmak maqsum fi Triq San Girgor. Is-Sindku qal li dan ser jingħata l-qatran. Hales irrimarka li l-inspection manholes tad-drainage neżlin l-isfel mil-livell tat-triq. | Sindku |
| 07. | 9. | 3 | Hales: Tindif tal-Barumbara | **Il-Kunsill qabel nem.con mat-talba ta' Hales sabiex isir it-tindif tal-barumbara fi Ġnien San Girgor.** | Hales |
| 07. | 9. | 4 | Pace: Problema tad-drenaġġ | Is-Sindku qajjem il-problemi tad-drenaġġ madwar il-lokalita' fosthom fejn Alex Mercieca Bathrooms, Triq Taltas u Triq Ħajt il-Wied. Pace informa lill-Kunsill li erbat idjar fi Triq Vendome/Triq John Borg jinsabu mgħerrqa bil-ħama. Il-korrispondenza kollha li ntbagħtet mill-Kunsill Lokali dwar dawn il-każi ser jgħaddu lil Pace sabiex jittellgħu quddiem il-Ministeru. | Pace<br>Segretarjat |
| 07. | 9. | 5 | Fenech: Proġett Arti Żagħżugħa | Fenech infurmat lill-Kunsill li s'issa l-Unjoni Ewropea għaddiet Eur7,480 lill-Kunsill Lokali li dan jammonta għal 80% tal-proġett. Finalment il-Kunsill ser ikun ingħata Eur9,350. Bejn it-2 u l-4 ta' Ottubru 2009 ser isir live-in f'MXlokk youth hostel b'rabta mal-wirja li ser tittella fi Skola Primarja B fit-12 ta' Diċembru 2009. Għal dan il-youth live-in ser isir użu tal-projector. Is-sezzjonijiet ta' l-arti ser jispiċċaw illejla filwaqt li fil-ġimgħat li ġejjin jispiċċaw dawk tad-drama u ż-żfin. Is-sezzjonijiet tal-mużika għadhom ma bdewx. Il-ħsieb huwa li jittellgħu 2 cover versions. Għal dan il-għan hemm bżonn ta' kiri ta' drumkit għal xahrejn bejn it-13 ta' Ottubru u t-13 ta' Diċembru. Inġabru l-kwotazzjonijijiet meħtieġa u dan ser jiġi jiswa Eur350. Inġabru kwotazzjoni ukoll għal xiri ta' amplifier. Skond evalwazzjoni li saret dan ser iqum Eur155 li wara li jispiċċa l-proġett dan jista' jservi ta' PA System. | Fenech |
| 07. | 9. | 6 | Fenech: Attivitajiet | **Il-Kunsill qabel nem.con li s-sotto kumitat taż-żgħażagħ jtella' l-attivitajiet li ġejjin: 8-11 ta' Ottubru 2009 - Ġimgħa Nazzjonali taż-Żgħażagħ fejn din id-darba il-grupp tad-drama ser itella' role play fil-Valletta Waterfront. L-aħħar weekend ta' Ottubru - Halloween b'differenza. F'Novembru - Horse riding u cook out. 12 ta' Diċembru - Wirja u 18 ta' Diċembru - Ikla tal-Milied.** | Fenech |
| 07. | 9. | 7 | Viċi-Sindku: Vaċċin ta' l-influwenza | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li d-data tar-reġistrazzjoni tal-vaċċin ta' l-influwenza għalqet. Il-lista ta' min jixtieq jingħata l-vaċċin għaddiet lid-Dipartiment tas-Saħħa. Data ta' meta jkun ha jkun amministrat il-vaċċin titħabbar aktar tard. | Viċi-Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 9. | 8 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Fil-ġimgħat li ġejjin ser isir survey dwar il-kampanja ta' l-indafa għall-attivita' 'Żejtun Nadif Ghalik u Għalija'. F'din l-attivita' ser tingħata informazzjoni dwar l-indafa u separazzjoni ta' skart kif ukoll tinġabar informazzjoni permezz tas-survey. Ser ikunu involuti wkoll it-tfal permezz ta' kompetizzjoni. Data tal-party tat-tfal tal-Milied ser titħabbar aktar tard. | Viċi-Sindku |
| 07. | 9. | 9 | Pace:- Patching | Pace talab sabiex isir il-patching fi Triq John Borg u l-manutenzjoni fuq bankina fi Triq Melchiorre Gafa'. | Sindku |
| 07. | 9. | 10 | Sindku: ETC | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ETC ser tassenja żewġ impjegati mal-Kunsill għal tletin siegħa fil-gimgħa fil-ġranet li ġejjin. | Sindku |
| 07. | 9. | 11 | Sindku: Patching | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li permezz tal-Kuntrattur Grezzju Ellul ser isir scarifying fi Triq John Borg u kisi bil-hot tarmac, patching fi Triq E. Attard Bezzina u Triq id-Daħla ta' San Tumas k/m Triq il-Qadi. | Sindku |
| 07. | 9. | 12 | Seychell: Attivitajiet | Seychell ta rapport tal-kompetizzjoni ta' l-inbid li kienet aħjar minn tas-sena l-oħra. Ingħata wkoll rapport tal-kors arti u disinn li tmexxa b'responsabbilta' minn Claire Portelli. | Seychell |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.15pm. Laqgħa oħra ser issir il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2009 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv